**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 28 – IT-TLIETA, 18 TA' DIĊEMBRU 2012

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skuzati: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati mil-Vici *Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIL-VIĊI *CHAIRPERSON***

2.1. Il-Viċi Ċhairperson qal li fid-dawl tal-*Bridle Path*, il-Kunsill Lokali Naxxar u l-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq għaddejjin b'diskussjonijiet ma' Transport Malta.

2.2. Is-Sur Woods żied jgħid li Fr Paul Attard li ħa post Fr Michael Mifsud se jibda jinvolvi aktar il-komunità, dan wara l-laqgħa li l-Kumitat kellu miegħu fejn qasmu l-ideat ta' xulxin.

2.3. Il-Viċi *Ċhairperson* staqsa f'hiex kien l-ibbukjar tal-attività tal-Milied ta' Baħar iċ-Ċagħaq u ġie mgħarraf li sal-ġurnata il-konkorrenza kienet fqira ħafna.

**3. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED**

3.1. Is-Sur Bonello u s-Sinj. Cuomo għandhom jiltaqgħu mas-Sinj. Margaret Zammit sabiex jassistu fl-armar tat-tinda li għandhom jipprovdu l-Iscouts tan-Naxxar.

3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li kien għadu ma nstabx *sponsor* biex joffri l-ħelu b'xejn waqt l-attività.

**4. IRRANĠAR TA' PARTI MINN TRIQ IL-LAMPARA**

4.1. Kien hemm qbil unanimu li l-parti t'isfel ta' Triq il-Lampara tinsab fi stat diżastruż. Għaldaqstant hemm bżonn li jsir pjan ta' rikostruzzjoni jew xogħol ta' traqqigħ maġġuri.

**5. *TRAFFIC MANAGEMENT* FI TRIQ IS-SIKKA K/M TRIQ IL-LAMPARA**

5.1. L-idea hija sabiex kemm jista' ikun jitnaqqsu l-problemi għal min joħroġ minn Triq il-Lampara. Dan jista' isir billi Triq il-Lampara ssir f'direzzjoni waħda 'l fuq u kull min ikun irid jinżel, jinżel minn Triq it-Tunnara.

5.2. F'dan ir-rigward l-Amministrazzjoni se tipprepara pjanta u tkun miftuħa għas-suġġerimenti tal-membri tal-Kumitat.

**6. ĦWEJJEĠ OĦRA**

6.1. Is-Sinj. Muscat semmiet li hemm bżonn li jintbagħat rapport lill-MEPA b'kopja lill-pulizija tad-dar Oasis fi Triq ir-Ridott. Dan għaliex parti mil-knaten li kienu qegħdin iservu ta' għeluq għal plot abbandunat twaqqgħu minn xi individwi mhux magħrufa.

6.2. Is-Sinj. Muscat qalet li t-tabelli ta' Triq l-Iskall iċċaraw filwaqt li kien hemm tabella tan-*No Entry* li sfat nieqsa.

6.3. Ma' dan is-Sur Bonello qal li il-Kunsill għandu bżonn jibgħat xi ħaddiema sabiex iduru t-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq u jaraw fejn hemm bżonn li jsir xi tibdil fit-tabelli.

6.4. Is-Sur Woods ħareġ bis-suġġeriment tal-*Creative Club*. Dan iservi ta' *edutainment* għat-tfal ta' bejn is-7 u l-10 snin. Huwa qal li jekk jibda' b'10/12-il tifel/tifla huwa sodisfaċenti.

**7. TMIEM IL-LAQGĦA**

7.1. Il-laqgħa ntemmet fis-5:45pm mingħajr deċiżjoni dwar id-data tal-laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |